MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2011

Numru 1281/2008

**PULIZIJA**
**SPETTUR CARMELO MAGRI**
**VS**
**STEFAN CUTAJAR**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Stefan Cutajar 24 sena bin Joseph u Maria Iris nee` Cassar mwieled fil-Pieta` fis-16 ta` April, 1984 u li fil-present residenti fil-Facilita` Korrettiva ta` Kordin. Detentur tal-karta tal-Identita` bin-numru 203984(M).

Illi huwa akkuzat:

Talli fis-7 ta` Novembru, 2008 fi Sqaq l-Gharghar B`Kara kkommetta serqa ta` stereo tal-marka ‘Clarion’ minn vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni JAG928 ghad-dannu ta` Anthony Farrugia, liema serq

huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa.

1. Fl-istess data u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta` l-istess Anthony Farrugia, liema hsara tammonta ghal izjed minn tlieta u ghoxrin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) izda ma tiskorrix-il mija u sittax-il Ewro u sebgha u gherbejn centezmu (€116.47).

2. Fl-istess data u cirkostanzi, xjentement laqa` ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b`qerq, jew akkwista b`reat, sew jekk sar f`Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b`kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew jmexxihom.

3. Fl-istess data u cirkostanzi, kiser il-kundizzjonijiet ta` l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-ligijiet ta` Malta li gew imposti fuqu b`sentenza datata 27 ta` Gunju, 2007 mghotija mill-Magistrat Dott. Laurence Quintano LL.D.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammissjoni ta` l-imputat fil-verbal datat 21 ta` Frar, 2011 (fol. );

Semghet il-konferma ta` l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat Stefan Cutajar hati skond l-akkuzi migjuba kontra tieghu ghajr it-tielet akkuza illi hija akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza u wara li rat l-Artikolu 261, 263, 264, 267,

325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, Artikolu 22 u 23 u 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta` Malta u tqieghed lill-imputat that ordni ta` Probation ta` tlett snin, that is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation officer iehor minnu nominat.

Din il-piena qed tigi akkordata in vista tal-ammissjoni bikrija u l-eta` govanili tieghu. Il-Qorti giet infurmata illi l-imputat ghamel sforzi konsiderevoli sabiex jehles mill-vizzju tad-dipendenza fuq id-drogi u llum il-gurnata jidher illi huwa stradat. Ma jidhirx illi mid-data ta` l-akkuza l-imputat fetah xi kawzi godda. Il-Qorti tordna illi kopja ta` din is-sentenza tigi kkommunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------